SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

10 ta' Lulju 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kummerċjali – Ġurisdizzjoni esklużiva – Punti 1 u 5 tal-Artikolu 24 – Tilwim fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà immobbli *in rem* u fil-qasam tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet – Proċedura ta' bejgħ ġudizzjarju b'subbasta ta' proprjetà immobbli – Azzjoni għal oppożizzjoni tar-rikavat ta' dan il-bejgħ b'subbasta"

Fil-Kawża C-722/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bezirksgericht Villach (il-Qorti Distrettwali ta' Villach, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Diċembru 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Diċembru 2017, fil-proċedura

**Norbert Reitbauer,**

**Dolinschek GmbH,**

**B.T.S. Trendfloor Raumausstattungs-GmbH,**

**Elektrounternehmen K. Maschke GmbH,**

**Klaus Egger,**

**Architekt DI Klaus Egger Ziviltechniker GmbH**

vs

**Enrico Casamassima,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, C. Toader (Relatur), A. Rosas, L. Bay Larsen u M. Safjan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Tanchev,

Reġistratur: D. Dittert, Kap ta' Diviżjoni,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-16 ta' Jannar 2019,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal N. Reitbauer, Dolinschek GmbH, B.T.S. Trendfloor Raumausstattungs-GmbH, Elektrounternehmen K. Maschke GmbH, K. Egger u Architekt DI Klaus Egger Ziviltechniker GmbH, minn G. Götz, Rechtsanwalt,
- għal E. Casamassima, minn H. Walder, Rechtsanwalt,
- għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, M. Figueiredo u P. Lacerda, bħala aġenti,
- għall-Gvern Svizzeru, minn M. Schöll, bħala aġent,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Heller u M. Wilderspin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-3 ta' April 2019,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punti 1 u 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Norbert Reitbauer, Dolinschek GmbH, B.T.S. Trendfloor Raumausstattungs-GmbH, Elektrounternehmen K. Maschke GmbH, Klaus Egger u Architekt DI Klaus Egger Ziviltechniker GmbH (iktar 'il quddiem "Reitbauer *et*"), minn naħa, u Enrico Casamassima, iddomiċiljat fl-Italja, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' azzjoni għal oppożizzjoni tar-rikavat ta' bejgħ ġudizzjarju b'subbasta ta' proprjetà immobbli li tinsab fl-Awstrija.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 15, 21 u 34 tar-Regolament Nru 1215/2012 huma fformulati kif ġej:

"(15) Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni għandhom ikunu prevedibbli ħafna u stabbiliti fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni hija ġeneralment ibbażata fuq id-domiċilju tal-konvenut. Il-ġurisdizzjoni għandha dejjem tkun disponibbli fuq il-bażi ta' din ir-raġuni ħlief għal ftit sitwazzjonijiet definiti sewwa li fihom is-suġġett tat-tilwima jew ta' awtonomija tal-partijiet ikunu jeħtieġu fattur ta' konnessjoni differenti. Id-domiċilju ta' persuna ġuridika għandu jiġi definit b'awtonomija u b'hekk jagħmel ir-regoli komuni aktar trasparenti u jevita kunflitti ta' ġurisdizzjoni.

[…]

(21) Fl-interessi tal-amministrazzjoni armonjuża tal-ġustizzja huwa meħtieġ li titnaqqas il-possibbiltà ta' proċedimenti simultanji u jkun assigurat li ma jiġux mogħtija deċiżjonijiet irrikonċiljabbli fi Stati Membri differenti. Għandu jkun hemm mekkaniżmu ċar u effettiv sabiex jiġu riżolti każijiet ta' lis pendens u azzjonijiet relatati, u biex jiġu eliminati problemi li jirriżultaw minn differenzi nazzjonali dwar id-determinazzjoni taż-żmien meta jiġi rreġistrat każ bħala pendenti. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dak iż-żmien għandu jiġi definit b'mod awtonomu.

[…]

(34) Għandha tiġi żgurata l-kontinwità bejn il-Konvenzjoni [tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32)], ir-Regolament [tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42),] u dan ir-Regolament, u għal dan il-għan għandhom jitfasslu dispożizzjonijiet tranżitorji. L-istess ħtieġa għal kontinwità tapplika għall-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968 u r-Regolamenti li jissostitwixxieha."

4 Il-Kapitolu II ta' dan ir-regolament, intitolat "Ġurisdizzjoni", jinkludi b'mod partikolari t-Taqsima 1, "Dispożizzjonijiet Ġenerali", u t-Taqsima 2, "Ġurisdizzjoni Speċjali". L-Artikolu 4(1), li jinsab taħt din it-Taqsima 1, jipprovdi:

"Soġġetti għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jitressqu quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru."

5 L-Artikolu 7 tal-imsemmi regolament huwa fformulat kif ġej:

"Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista' tiġi mħarrka fi Stat Membru ieħor:

1) a) fi kwistjonijiet relatati ma' kuntratt, fil-qrati tal-post tat-twettiq tal-obbligazzjoni in kwistjoni;
   b) għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni u sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-post tat-twettiq tal-obbligi f'dak il-każ għandu jkun:

   – fil-każ ta' bejgħ ta' oġġetti, il-post fl-Istat Membru fejn, skont il-kuntratt, l-oġġetti ġew ikkonsenjati jew suppost li kienu kkonsenjati,

   – fil-każ ta' bejgħ ta' oġġetti, il-post fl-Istat Membru fejn, skont il-kuntratt, l-oġġetti ġew ikkonsenjati jew suppost li kienu kkonsenjati;

   […]"

6 Skont il-punti 1 u 5 tal-Artikolu 24 tal-istess regolament:

"Dawn il-qrati li ġejjin ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni esklużiva, independentement mid-domiċilju tal-partijiet:

1) fi proċedimenti li l-objettiv tagħhom ikunu drittijiet in rem fi proprjetà immobbli jew kirjiet ta' proprjetà immobbli, il-qrati tal-Istat Membru li fih tkun tinstab il-proprjetà.

[…]

5) fi proċedimenti li għandhom x'jaqsmu mal-eżekuzzjoni ta' sentenzi, il-qrati tal-Istat Membru li fih is-sentenza kienet jew għandha tiġi eżegwita."

***Id-dritt Awstrijak***

*L-EO*

7 Mill-Artikoli 209 sa 212 tal-Exekutionsordnung (il-Kodiċi dwar il-Proċeduri ta' Eżekuzzjoni, iktar 'il quddiem l-"EO"), jirriżulta li għandu jkun hemm trattazzjoni orali dwar it-tqassim tar-rikavat tal-prodott tal-bejgħ forzat ta' oġġett. F'dan is-sens, il-kredituri jiġu mistiedna jiddikjaraw il-pretensjonijiet tagħhom fuq ir-rikavat li għandu jitqassam li għandhom jiġu ssostanzjati permezz ta' provi dokumentarji. L-eżattezza u l-ordni ta' prijorità tal-pretensjonijiet jiġu eżaminati waqt is-seduta.

8 Fil-kuntest tal-proċedura ta' tqassim tar-rikavat tal-bejgħ forzat, il-kredituri u d-debitur jistgħu jopponu, bis-saħħa tal-Artikolu 213 tal-EO, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċerti pretensjonijiet. L-oppożizzjoni tista' tirrigwarda l-eżistenza, il-klassifikazzjoni jew l-ammont ta' pretensjoni ddikjarata.

9 Skont l-Artikolu 231(1) tal-EO, il-qorti tiddeċiedi dwar il-kwistjonijiet ta' liġi mqajma mill-oppożizzjoni permezz ta' ordni ta' tqassim. Jekk id-deċiżjoni dwar l-oppożiżizzjoni tkun tiddependi mill-konstatazzjoni ta' elementi ta' fatt kontenzjużi, l-ordni ta' tqassim tistieden lill-parti rikorrenti tippreżenta azzjoni għal oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat.

10 Skont l-Artikolu 232 tal-EO, il-qorti ta' eżekuzzjoni għandha ġurisdizzjoni tiddeċiedi dwar l-azzjoni għal oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat.

*L-AnfO*

11 Skont l-Artikolu 1 tal-Anfechtungsordnung (il-Kodiċi Awstrijak dwar l-*Actio Pauliana*, iktar 'il quddiem l-"AnfO"), l-*actio pauliana* hija intiża sabiex jiġi ddikjarat li l-atti ta' natura ġuridika frawdolenti li jirrigwardaw il-patrimonju tad-debitur ma jkunux jistgħu jiġu invokati esklużivament fil-konfront tal-kreditur li jressaq il-pretensjoni. Din l-azzjoni hija disponibbli meta l-proċeduri ta' eżekuzzjoni kontra l-assi tad-debitur ma jkunux ikopru jew ma jkoprux kompletament il-pretensjonijiet tal-kreditur u jekk din l-azzjoni toffri l-possibbiltà li dawn il-pretensjonijiet jiġu ssodisfatti.

12 Mill-Artikoli 2 u 3 tal-AnfO jirriżulta li l-*actio pauliana* ma tistax titressaq fil-każ ta' intenzjoni frawdolenti jew ta' tħarbit tal-assi, kif ukoll trasferimenti li jsiru b'mod gratuwitu.

13 Konformement mal-Artikolu 6 tal-AnfO, il-fatt li l-att kontenzjuż ikun twettaq bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv jew permezz tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ma jipprekludix l-*actio pauliana*.

14 Kif jirriżulta mill-Artikolu 10 tal-AnfO, l-*actio pauliana* tista' tiġi ppreżentata fil-kuntest tal-proċedura ta' tqassim tar-rikavat tal-bejgħ forzat.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

15 E. Casamassima u s-Sinjura C., iddomiċiljati f'Ruma, kienu f'relazzjoni ta' konvivenza *more uxorio* sa mill-inqas ir-rebbiegħa tal-2014. Matul is-sena 2010, huma kienu xtraw dar f'Villach (l-Awstrija). Fir-reġistru tal-artijiet, C. kienet imniżżla bħala proprjetarja.

16 Sussegwentement ġew ordnati xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-proprjetà immobbli mingħand Reitbauer *et*. Peress li l-ħlasijiet għal dawn ix-xogħlijiet ma kinux ġew onorati għalkollox, Reitbauer *et* ippreżentaw azzjoni ta' kumpens għad-danni kontra C. Sensiela ta' deċiżjonijiet, fosthom l-ewwel waħda, mhux definittiva, mogħtija fil-bidu tas-sena 2014, laqgħu din it-talba għal kumpens.

17 Fis-7 ta' Mejju 2014, C. irrikonoxxiet, quddiem qorti ta' Ruma, li kellha dejn fil-konfront ta' E. Casamassima relatat ma' self ta' ammont ta' EUR 349 772.95 li l-modalitajiet għall-ħlas lura tiegħu fuq ħames snin kienu ġew miftiehma fil-kuntest ta' tranżazzjoni ġudizzjarja. Barra minn hekk, C. impenjat ruħha li tirreġistra ipoteka fuq il-proprjetà li tinsab f'Villach sabiex tiggarantixxi dan id-dejn.

18 Permezz ta' att notarili tat-13 ta' Ġunju 2014, stabbilit fi Vjenna (l-Awstrija), C. ipproċediet sabiex tirrikonoxxi mill-ġdid l-imsemmi dejn. Fit-18 ta' Ġunju 2014, sigurtà *in rem* favur E. Casamassima ġiet irreġistrata għall-proprjetà kkonċernata fir-reġistru tal-artijiet.

19 L-ewwel deċiżjoni mogħtija favur Reitbauer *et* fil-bidu tas-sena 2014 wara l-azzjoni ta' kumpens għad-danni saret eżekuttiva biss wara r-reġistrazzjoni tas-sigurtà *in rem* favur E. Casamassima, b'tali mod li s-sigurtajiet ta' Reitbauer *et* fuq il-proprjetà ta' C. li jirriżultaw mill-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni kienu ta' klassifikazzjoni inferjuri għal dik ta' E. Casamassima.

20 Fit-3 ta' Settembru 2015, il-qorti ta' Ruma ċċertifikat it-tranżazzjoni ġudizzjarja konkluża bejn C. u E. Casamassima bħala Titolu Eżekuttiv Ewropew, konformement mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar [Titolu Eżekuttiv Ewropew] għal talbiet mhux kontestati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 38).

21 Fix-xahar ta' Frar 2016, E. Casamassima talab quddiem il-Bezirksgericht Villach (il-Qorti Distrettwali ta' Villach, l-Awstrija), il-qorti tar-rinviju, il-bejgħ forzat tal-proprjetà immobbli kkonċernata. Mill-ordni ta' klassifikazzjoni tal-kredituri li jinsab fir-reġistru tal-artijiet jirriżulta li l-prezz ta' EUR 280 000, li huwa l-ammont li bih ġiet mibjugħa l-proprjetà matul il-ħarifa tas-sena 2016, kien imur kważi kollu kemm hu lil E. Casamassima fuq il-bażi tas-sigurtà *in rem* irreġistrata favurih f'dan ir-reġistru.

22 Sabiex jiġi evitat tali tqassim tar-rikavat tal-bejgħ ġudizzjarju b'subbasta, Reitbauer *et* wettqu ċertu numru ta' inizjattivi ġudizzjarji.

23 B'hekk, minn naħa, fix-xahar ta' Ġunju 2016, Reitbauer *et* ippreżentaw quddiem il-Landesgericht Klagenfurt (il-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt, l-Awstrija) *actio pauliana* kontra E. Casamassima u kontra C. Permezz ta' digriet li sar definittiv fix-xahar ta' Lulju 2017, din il-qorti, li eskludiet il-ġurisdizzjoni internazzjonali tagħha fid-dawl tad-domiċilju ta' E. Casamassima u ta' C. barra mill-Awstrija, ċaħdet din l-azzjoni.

24 Min-naħa l-oħra, waqt is-seduta organizzata fl-10 ta' Mejju 2017 quddiem il-qorti tar-rinviju konformement mal-Artikoli 209 sa 212 tal-EO għall-finijiet tat-tqassim tar-rikavat tal-bejgħ ġudizzjarju b'subbasta bejn il-kredituri differenti, Reitbauer *et* ressqu oppożizzjoni taħt l-Artikolu 213 tal-EO fir-rigward tal-ammont imqassam lil E. Casamassima.

25 Wara li ressqu din l-oppożizzjoni Reitbauer *et* adixxew lill-qorti tar-rinviju b'azzjoni għal oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat bis-saħħa tal-Artikolu 232 tal-EO, li fil-kuntest tagħha qajmu żewġ motivi ta' oppożizzjoni. L-ewwel motiv huwa intiż sabiex jiġi kkonstatat li l-attribuzzjoni tar-rikavat mill-bejgħ ġudizzjarju b'subbasta lil E. Casamassima kien ġie deċiż b'mod żbaljat, inkwantu l-pretensjoni ta' dan tal-aħħar kienet ġiet paċuta mad-danni dovuti minnu lil C. talli kien ordna x-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni mingħand Reitbauer *et* mingħajr ma kienet tat il-kunsens tagħha. It-tieni motiv, li l-qorti tar-rinviju pparagunat għal *actio pauliana*, tirrigwarda r-rikonoxximent tad-dejn tat-13 ta' Ġunju 2014 li, skont Reitbauer *et*, ġie stabbilit permezz ta' att notarili bl-uniku għan li jkollhom prijorità fuq il-proprjetà immobbli kkonċernata.

26 Sabiex jiġġustifikaw il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-Bezirksgericht Villach (il-Qorti Distrettwali ta' Villach) sabiex tieħu konjizzjoni minn tali azzjoni, Reitbauer *et* invokaw il-punt 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1215/2012. Min-naħa l-oħra E. Casamassima qajjem eċċezzjoni ta' nuqqas ta'

ġurisdizzjoni internazzjonali ta' din il-qorti fejn allega li l-azzjoni prinċipali għandha, essenzjalment, natura analoga għal dik ta' *actio pauliana* li fir-rigward tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kienet iddeċidiet, permezz tas-sentenza tas-26 ta' Marzu 1992, Reichert u Kockler (C-261/90, EU:C:1992:149), li din ma taqax taħt din ir-regola ta' ġurisdizzjoni esklużiva.

27 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, skont id-dritt Awstrijak, fl-okkażjoni tas-seduta organizzata sabiex jiġi diskuss it-tqassim tar-rikavat tal-bejgħ ġudizzjarju b'subbasta, fil-każ ta' oppożizzjoni mressqa bis-saħħa tal-Artikolu 213 tal-EO tista' ssir il-verifika tal-eżistenza tal-ordni ta' prijorità tal-pretensjonijiet. Jekk id-deċiżjoni dwar l-oppożizzjoni tkun tiddependi mill-konstatazzjoni ta' fatti kontenzjużi, il-partijiet huma mistiedna jippreżentaw azzjoni distinta f'terminu ta' xahar, jiġifieri l-azzjoni għal oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat.

28 Din l-azzjoni tissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' tqassim fir-rigward tal-parti kontenzjuża tagħha.

29 Skont il-qorti tar-rinviju, l-azzjoni għal oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat tippermetti, b'mod partikolari, li ssir il-verifika tal-infurzabbiltà ta' sigurtà *in rem*, hekk kif Reitbauer *et* għandhom l-għan li jiksbu minn din il-qorti permezz tat-tieni motiv ta' oppożizzjoni tagħhom. L-imsemmija qorti tqis li din il-possibbiltà tagħti lill-azzjoni għal oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat in-natura ta' *actio pauliana*.

30 Fir-rigward tal-ġurisdizzjoni internazzjonali biex tieħu konjizzjoni ta' azzjoni għal oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-regoli ta' ġurisdizzjoni għandhomx jiġu eżaminati fir-rigward ta' tali azzjoni b'mod globali u astratt, jew fir-rigward ta' kull motiv ta' oppożizzjoni mqajjem f'każ konkret.

31 Skont din il-qorti, il-karatteristiċi ta' din il-proċedura, ikkunsidrata fl-intier tagħha, jixhdu rabta qawwija mal-qorti tal-post tal-eżekuzzjoni forzata jew tal-bażi tas-sigurtà *in rem*.

32 Għalhekk, fir-rigward tar-regoli ta' ġurisdizzjoni esklużiva favur qrati tal-Istat Membru tal-post ta' eżekuzzjoni, previsti fil-punt 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1215/2012, il-qorti tar-rinviju ssostni li, skont l-EO, l-azzjoni għal oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat tirriżulta mill-ġurisdizzjoni obbligatorja tal-qorti ta' eżekuzzjoni. Għalkemm huwa minnu li l-azzjoni taħt l-Artikolu 232 tal-EO ma hijiex prinċipalment intiża sabiex tikkontesta l-eżekuzzjoni, ġaladarba d-debitur ikun diġà tilef il-proprjetà immobbli waqt il-bejgħ ġudizzjarju b'subbasta, il-proprjetà immobbli kkonċernata tiġi ssostitwita, f'dan l-istadju, bir-rikavat tal-bejgħ, b'tali mod li t-tqassim tiegħu mill-qorti jkun jirriżulta wkoll mill-attivitajiet tal-awtorità ta' eżekuzzjoni.

33 Fir-rigward tar-regoli ta' ġurisdizzjoni esklużiva favur qrati tal-Istat Membru tal-post fejn tinsab il-proprjetà immobbli, previsti fil-punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1215/2012, il-qorti tar-rinviju ssostni li l-azzjoni għal oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat ukoll taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, inkwantu tali azzjoni tikkostitwixxi stadju tal-eżekuzzjoni ta' sigurtà *in rem* iffinalizzat bit-tqassim tar-rikavat tal-bejgħ tal-bażi ta' din is-sigurtà.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bezirksgericht Villach (il-Qorti Distrettwali ta' Villach) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) [Il-punt 5 tal-Artikolu 24] tar-Regolament Nru 1215/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-azzjoni għal oppożizzjoni prevista fl-Artikolu 232 tal-[EO] fil-każ ta' nuqqas ta' qbil fuq it-tqassim tad-dħul mill-irkant ġudizzjarju [bejgħ b'subbasta], taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni,

u dan ukoll meta l-azzjoni ta' kreditur li għandu dritt għal sigurtà *in rem* kontra kreditur ieħor li għandu dritt għal sigurtà *in rem*

a) hija bbażata fuq l-oġġezzjoni li dan il-dritt għal sigurtà in rem relatat ma' self permezz ta' sigurtà in rem stabbilita ma jibqax jeżisti minħabba kontrotalba tad-debitur għal danni, u
b) barra minn hekk hija bbażata – bħal fil-każ ta' *actio pauliana* [(*Anfechtungsklage*)] – fuq l-oġġezzjoni li l-bażi tad-dritt għal sigurtà in rem għal dan is-self, minħabba li tagħti trattament favorevoli lil kredituri, hija invalida?

2) [Il-punt 1 tal-Artikolu 24] tar-Regolament Nru 1215/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-azzjoni għal oppożizzjoni prevista fl-Artikolu 232 tal-[EO] f'każ ta' nuqqas ta' qbil fuq it-tqassim tad-dħul mill-irkant ġudizzjarju, jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni,

u dan ukoll meta, fil-każ li l-azzjoni ta' kreditur li għandu dritt għal sigurtà *in rem* kontra kreditur ieħor li għandu dritt għal sigurtà *in rem*
a) hija bbażata fuq l-oġġezzjoni li dan il-dritt għal sigurtà in rem relatat ma' self permezz ta' sigurtà *in rem* stabbilita ma jibqax jeżisti minħabba kontrotalba tad-debitur għal danni, u
b) barra minn hekk hija bbażata – bħal fil-każ ta' *actio Pauliana* – fuq l-oġġezzjoni li l-bażi tad-dritt għal sigurtà *in rem* għal dan is-self, minħabba li tagħti trattament favorevoli lil kredituri, hija invalida?"

**Fuq id-domandi preliminari**

35 Permezz taż-żewġ domandi tagħha, li jeħtieġ li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punti 1 u 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1215/2012 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-azzjoni ta' kreditur għall-oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat minn bejgħ ġudizzjarju b'subbasta ta' proprjetà immobbli intiża, minn naħa, għall-konstatazzjoni tal-estinzjoni permezz ta' tpaċija ta' pretensjoni kompetitriċi, u, min-naħa l-oħra, għan-nuqqas ta' infurzar tas-sigurtà *in rem* li tiggarantixxi l-eżekuzzjoni ta' din l-aħħar pretensjoni, taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati tal-Istat Membru fejn tinsab il-proprjetà immobbli jew tal-qrati tal-post ta' eżekuzzjoni forzata.

36 Preliminarjament, jeħtieġ li jitfakkar li hija ġurisprudenza stabbilita li, sa fejn ir-Regolament Nru 1215/2012 iħassar u jissostitwixxi r-Regolament Nru 44/2001 li, min-naħa tiegħu, jissostitwixxi l-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, kif emendata bil-konvenzjonijiet suċċessivi relatati mal-adeżjoni tal-Istati Membri l-ġodda għal din il-konvenzjoni, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' dawn l-aħħar strumenti legali hija wkoll valida għar-Regolament Nru 1215/2012 f'sitwazzjonijiet fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiġu kkwalifikati bħala "ekwivalenti" (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-31 ta' Mejju 2018, Nothartová, C-306/17, EU:C:2018:360, punt 18; tal-15 ta' Novembru 2018, Kuhn, C-308/17, EU:C:2018:911, punt 31; kif ukoll tat-28 ta' Frar 2019, Gradbeništvo Korana, C-579/17, EU:C:2019:162, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Is-sistema ta' attribuzzjonijiet ta' ġurisdizzjonijiet komuni prevista fil-Kapitolu II tar-Regolament Nru 1215/2012 hija bbażata fuq ir-regola ġenerali, iddikjarata fl-Artikolu 4(1) tiegħu li l-persuni ddomiċiljati fit-territorju ta' Stat Membru jitressqu quddiem il-qrati ta' dan l-Istat, indipendentement min-nazzjonalità tal-partijiet.

38 Huwa biss b'eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali tal-ġurisdizzjoni tal-qrati tad-domiċilju tal-konvenut li l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1215/2012 jipprevedi regoli ta' ġurisdizzjoni esklużiva, b'mod partikolari fil-qasam tad-drittijiet *in rem* fuq proprjetà immobbli u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet. Dawn ir-regoli speċifiċi ta' ġurisdizzjoni għandhom, konsegwentement, ikunu suġġetti għal interpretazzjoni stretta.

39 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li skont ir-regoli rilevanti tal-EO wara proċedura ta' bejgħ ġudizzjarju b'subbasta ta' proprjetà immobbli, it-tqassim tar-rikavat tal-eżekuzzjoni forzata huwa deċiż waqt seduta organizzata quddiem il-qorti ta' eżekuzzjoni. F'din l-okkażjoni, jekk id-dritt ta' parteċipazzjoni ta' kreditur jiġi kkontestat, il-qorti jkollha twettaq verifiki li jirrigwardaw, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' ordni ta' prijorità tal-pretensjonijiet. Fil-każ fejn id-deċiżjoni dwar l-oppożizzjoni tiddependi fuq il-konstatazzjoni ta' fatti kontenzjużi, il-partijiet jiġu mistiedna jippreżentaw azzjoni għal oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat.

40 F'dan il-każ, insostenn tal-azzjoni għal oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat inkwistjoni fil-kawża prinċipali, Reitbauer *et* invokaw, minn naħa, l-estinzjoni permezz ta' tpaċija tal-pretensjoni ta' E. Casamassima u, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' infurzabbiltà tas-sigurtà *in rem* li tiggarantixxi l-eżekuzzjoni ta' din il-pretensjoni, fejn din l-aħħar oġġezzjoni, skont il-qorti tar-rinviju, għandha n-natura ta' *actio pauliana*.

41 Għalkemm ma jistax jiġi miċħud li, analizzata fl-intier tagħha, l-azzjoni għal oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat għandha rabta mal-proċedura ta' eżekuzzjoni relatata mal-bejgħ forzat tal-proprjetà immobbli, xorta jibqa' l-fatt, hekk kif jirriżulta mill-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-motivi ta' oppożizzjoni mqajma fil-kuntest ta' tali azzjoni jistgħu jkunu differenti ħafna fir-rigward tal-kontenut tagħhom u b'hekk jista' jkollhom natura ġuridika differenti, b'tali mod li l-qrubija tagħhom mal-eżekuzzjoni forzata jew mad-drittijiet *in rem* fuq proprjetà immobbli jistgħu jvarjaw kunsiderevolment.

42 Għalhekk, kif ġie essenzjalment irrilevat mill-Avukat Ġenerali fil-punti 35, 38 u 48 tal-konklużjonijiet tiegħu, analiżi globali tal-azzjoni għal oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni internazzjonali applikabbli għal din l-azzjoni tmur kontra l-interpretazzjoni stretta imposta min-natura eċċezzjonali tar-regoli ta' ġurisdizzjoni esklużiva previsti fil-punti 1 u 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1215/2012.

43 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk, minn naħa, il-punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1215/2012, u, min-naħa l-oħra, il-punt 5 tal-Artikolu 24 ta' dan ir-regolament, jippermettux li jiġi ddeterminat il-*forum* li għandu ġurisdizzjoni sabiex jieħu konjizzjoni rispettivament ta' kull wieħed mill-motivi ta' oppożizzjoni mqajma minn Reitbauer *et*.

### *Fuq il-punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1215/2012*

44 Fir-rigward tal-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat li fih tinsab il-proprjetà immobbli, prevista fil-punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1215/2012, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li din il-ġurisdizzjoni esklużiva ma tinkludix l-azzjonijiet kollha li jirrigwardaw drittijiet *in rem* fuq proprjetà immobbli, iżda biss dawk fosthom li, fl-istess waqt, jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012 kif ukoll ikunu fost dawk li, minn naħa, jiddeterminaw il-portata, il-konsistenza, il-proprjetà, il-pussess ta' proprjetà immobbli jew l-eżistenza ta' drittijiet oħra *in rem* fuq dawn il-proprjetajiet u, min-naħa l-oħra, jiżguraw lil min għandu dawn id-drittijiet il-protezzjoni tal-prerogattivi marbuta mat-titolu tagħhom (sentenzi tat-3 ta' April 2014, Weber, C-438/12, EU:C:2014:212, punt 42; tas-17 ta' Diċembru 2015, Komu *et*, C-605/14, EU:C:2015:833, punt 26; kif ukoll tas-16 ta' Novembru 2016, Schmidt, C-417/15, EU:C:2016:881, punt 30).

45 Għalhekk, sabiex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni ta' qorti tal-Istat Membru fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli ma huwiex biżżejjed li l-azzjoni tkun tikkonċerna dritt *in rem* fuq proprjetà immobbli jew li l-azzjoni jkollha rabta ma' proprjetà immobbli. Għall-kuntrarju jeħtieġ li l-azzjoni tkun ibbażata fuq dritt *in rem* u mhux fuq dritt personali (sentenza tas-16 ta' Novembru 2016, Schmidt, C-417/15, EU:C:2016:881, punt 34).

46 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-motiv ta' oppożizzjoni intiż għall-konstatazzjoni tal-estinzjoni permezz ta' tpaċija tal-pretensjoni ta' E. Casamassima, jeħtieġ li jiġi osservat li, permezz ta' tali talba, Reitbauer *et*, essenzjalment, għandhom l-intenzjoni li jikkontestaw l-eżistenza tal-pretensjoni invokata kontrihom fil-kuntest tat-tqassim tar-rikavat tal-bejgħ ġudizzjarju b'subbasta.

47 Issa, għalkemm huwa minnu li l-eżistenza ta' pretensjoni serviet bħala bażi għall-kostituzzjoni tas-sigurtà *in rem* u għall-eżekuzzjoni sussegwenti, din it-talba għal tpaċija ma hijiex ibbażata fuq dritt *in rem*. Il-fatt dwar jekk il-pretensjoni ta' E. Casamassima fir-rigward tad-debitriċi tiegħu hijiex estinta permezz ta' tpaċija ma huwiex, għalhekk, marbut mar-raġunijiet li jippermettu l-attribuzzjoni tal-ġurisdizzjoni esklużiva lill-qrati tal-post fejn tinsab il-proprjetà immobbli, jiġifieri l-ħtieġa li jsiru verifiki, investigazzjonijiet u perizji fuq il-post (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, Komu *et*, C-605/14, EU:C:2015:833, punt 31 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

48 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-motiv li permezz tiegħu Reitbauer *et* jikkontestaw il-fondatezza taċ-ċertifikat notarili ta' dejn bejn E. Casamassima u C. fit-13 ta' Ġunju 2014 li serva bħala bażi għall-eżekuzzjoni forzata u jitolbu l-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' infurzabbiltà ta' dan l-att fil-konfront tagħhom, jeħtieġ li jiġi osservat li l-eżami ta' tali argument ma jirrikjedi la l-evalwazzjoni ta' fatti u lanqas l-applikazzjoni tar-regoli u tal-konswetudnijiet tal-post fejn tinsab il-proprjetà immobbli li jistgħu jiġġustifikaw il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru li fih tinsab il-proprjetà immobbli (sentenza tal-10 ta' Jannar 1990, Reichert u Kockler, C-115/88, EU:C:1990:3, punt 12).

49 Fil-fatt, tali motiv ta' kontestazzjoni pparagunat mill-qorti tar-rinviju għal *actio pauliana* jsib il-bażi tiegħu fid-dritt dwar il-pretensjonijiet, dritt personali tal-kreditur fil-konfront tad-debitur, u għandu l-għan li jipproteġi l-garanzija patrimonjali li tal-ewwel ikollu fil-konfront tal-patrimonju tat-tieni (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Feniks, C-337/17, EU:C:2018:805, punt 40).

50 Konsegwentement, hekk kif ġie osservat ukoll mill-Avukat Ġenerali fil-punt 58 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-eżami tal-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet ta' tali azzjoni humiex issodisfati ma jirrikjedix verifiki strettament marbuta mal-post fejn tinsab il-proprjetà immobbli, li jkunu tali li jiġġustifikaw ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati tal-Istat Membru tal-post fejn tkun tinsab din il-proprjetà immobbli.

### *Fuq il-punt 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1215/2012*

51 Preliminarjament, jeħtieġ li jitfakkar li, skont din id-dispożizzjoni, fil-qasam tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet, huma kompetenti biss, mingħajr teħid inkunsiderazzjoni tad-domiċilju tal-partijiet, il-qrati tal-Istat Membru tal-post tal-eżekuzzjoni.

52 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-azzjonijiet intiżi sabiex tiġi deċiża oppożizzjoni dwar l-użu ta' forza, limitazzjoni jew qbid ta' proprjetà mobbli jew immobbli sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjonijiet u tal-atti jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1215/2012 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 1992, Reichert u Kockler, C-261/90, EU:C:1992:149, punt 28).

53 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-motiv ta' oppożizzjoni mqajjem minn Reitbauer *et*, intiż għall-konstatazzjoni tal-estinzjoni permezz ta' tpaċija tal-pretensjoni ta' E. Casamassima, jeħtieġ li jiġi osservat li l-eżami tal-fondatezza ta' tali talba ma huwiex bħall-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tal-eżekuzzjoni forzata bħala tali.

54 Issa, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, in-natura speċifika tar-rabta rikjesta fil-punt 5 tal-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, kif emendata bil-konvenzjonijiet sussegwenti relatati mal-adeżjoni tal-Istati Membri l-ġodda għal din il-konvenzjoni, li d-dispożizzjonijiet tiegħu ġew

riprodotti fil-punt 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1215/2012, timplika li parti tista' tinvoka l-ġurisdizzjoni li din id-dispożizzjoni tagħti lill-qrati tal-post tal-eżekuzzjoni sabiex tadixxi lil dawn il-qrati, b'mod eċċezzjonali, b'tilwima li taqa' taħt il-qrati ta' Stat Membru ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 1985, AS-Autoteile Service, 220/84, EU:C:1985:302, punt 17).

55 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-motiv ta' oppożizzjoni pparagunat mill-qorti tar-rinviju ma' *actio pauliana*, jeħtieġ li jiġi osservat li, permezz tiegħu, Reitbauer *et* ma jikkontestawx l-atti tal-awtoritajiet inkarigati mill-eżekuzzjoni forzata, fihom innifishom, fejn għalhekk tali azzjoni ma tippreżentax il-livell ta' qrubija meħtieġa b'din l-eżekuzzjoni sabiex tiġġustifika l-applikazzjoni tar-regola esklużiva ta' ġurisdizzjoni prevista fil-punt 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1215/2012.

56 Għaldaqstant, u sabiex il-qorti tar-rinviju tingħata l-indikazzjonijiet utli kollha sabiex tiddeċiedi t-tilwima li biha ġiet adita, jeħtieġ li jiġi eżaminat, bħalma għamel l-Avukat Ġenerali, jekk il-punt 1(a) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012 jipprovdix bażi legali għall-ġurisdizzjoni internazzjonali ta' din il-qorti fir-rigward tal-*actio pauliana*.

57 Skont din id-dispożizzjoni, fil-qasam kuntrattwali, persuna ddomiċiljata fit-territorju ta' Stat Membru tista' titressaq fi Stat Membru ieħor, quddiem il-qorti tal-post ta' eżekuzzjoni tal-obbligu li jservi bħala bażi għat-talba.

58 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-*actio pauliana*, meta tiġi ppreżentata fuq il-bażi ta' drittijiet fuq dejn derivanti minn obbligi derivanti mill-konklużjoni ta' kuntratt, taqa' taħt il-"kwistjonijiet relatati ma' kuntratt" fis-sens tal-punt 1(a) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012 (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Feniks, C-337/17, EU:C:2018:805, punt 44).

59 F'dan il-każ, kif essenzjalment sostnew Reitbauer *et* u l-Kummissjoni Ewropea waqt is-seduta, peress li t-tieni motiv ta' oppożizzjoni pparagunat mill-qorti tar-rinviju għal *actio pauliana* ġie fformulat bil-għan li jiġi kkonstatat in-nuqqas ta' infurzabbiltà min-naħa ta' Reitbauer *et* tas-sigurtà *in rem* ikkostitwita favur E. Casamassima minn C., debitriċi komuni li magħha kull wieħed minn dawn il-kredituri kien marbut kuntrattwalment, il-*forum* tad-domiċilju tal-konvenut jista' jiġi kkompletat b'dak awtorizzat fil-punt 1(a) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012.

60 Tali *forum* jissodisfa, fir-rigward tal-oriġini kuntrattwali tar-relazzjonijiet bejn il-kredituri u C., kemm ir-rekwiżit ta' ċertezza legali u ta' prevedibbiltà kif ukoll l-għan tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

61 Konsegwentement, min għandu pretensjonijiet li jirriżultaw minn kuntratt jista' jippreżenta *actio pauliana* quddiem il-qorti tal-"post tat-twettiq tal-obbligazzjoni in kwistjoni", inkwantu dan il-*forum* huwa dak li huwa awtorizzat bis-saħħa tal-punt 1(a) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012. F'dan il-każ, permezz tat-tieni motiv, Reitbauer *et* għandhom l-intenzjoni li jippreżervaw l-interessi tagħhom fl-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratti ta' xogħlijiet ta' rinnovazzjoni konklużi ma' C. Għaldaqstant il-"post tat-twettiq tal-obbligazzjoni in kwistjoni" huwa, konformement mal-punt 1(b) tal-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament, dak fejn, bis-saħħa ta' dawn il-kuntratti, dawn ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni ġew ipprovduti, jiġifieri fl-Awstrija.

62 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jeħtieġ li r-risposta għad-domandi magħmula tkun li l-punti 1 u 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1215/2012 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-azzjoni ta' kreditur għal oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat ta' bejgħ ġudizzjarju b'subbasta ta' proprjetà immobbli intiża, minn naħa, għall-konstatazzjoni tal-estinzjoni permezz ta' tpaċija ta' pretensjoni kompetitriċi u, min-naħa l-oħra, għall-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' infurzabbiltà tas-sigurtà *in rem* li tiggarantixxi l-eżekuzzjoni ta' din l-aħħar pretensjoni ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati tal-Istat Membru fejn tinsab il-proprjetà immobbli jew tal-qrati tal-post ta' eżekuzzjoni forzata.

**Fuq l-ispejjeż**

63 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Il-punti 1 u 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-azzjoni ta' kreditur għal oppożizzjoni għat-tqassim tar-rikavat ta' bejgħ ġudizzjarju b'subbasta ta' proprjetà immobbli intiża, minn naħa, għall-konstatazzjoni tal-estinzjoni permezz ta' tpaċija ta' pretensjoni kompetitriċi u, min-naħa l-oħra, għall-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' infurzabbiltà tas-sigurtà *in rem* li tiggarantixxi l-eżekuzzjoni ta' din l-aħħar pretensjoni ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati tal-Istat Membru fejn tinsab il-proprjetà immobbli jew tal-qrati tal-post ta' eżekuzzjoni forzata.**

Firem